# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 21 ta' Ottubru 2019

**Rikors Numru : 178/2019 JPG**

**Kawza Numru : 30**

**JG**

**U**

**BG**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt ta' JG u BG, datat 22 ta' April 2019,, a fol 1 li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet kienu izzewgu bic-civili fit-3 ta' Dicembru, 1994 u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg li ghandu n-numru progressive: X : Dok 'A'.*

*Illi minn din l-unjoni twieled tifel li jismu: T bil-kunjom G.*

*Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, l-partijiet kienu irregolaw ruhhom fir-rigward is-separazzjoni de jure taghhom u dan minghajr l-icken diffikulta grazzi ghall-kuntratt debitament redatt u pubblikat minn Nutar Dottor Patrizia Mallia fl-20 ta' Lulju, 2011: Dok 'B'.*

*Illi m'hemmx l-icken possibilita ghar-rikonciljazzjoni bejn l-istess mizzewgin tant li issa qed jghixu hajja separati w indipendenti minn xulxin.*

*Illi m'hemm ebda possibilita li jkun hemm rikonciljazzjoni w b'hekk l-partijiet jixtiequ jipprocedu ghad-divorzju.*

*Ghaldaqstant, r-rikorrenti umilment jitoblu li dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-*

*a. Tippronunzja il-hall taz-zwieg.*

*b. Tordna li sinjura 'G' xebba S, izzomm il-kunjom bhala mizzewga 'G'.*

*c. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex f'zmien imholli ghall-daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**JG** xehed illi l-partijiet izzewgu fit-3 ta' Dicembru 1994 u kienu ottjenew s-separazzjoni personali fl-20 ta' Lulju 2011 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel wiehed u illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**BG** xehdet u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda ta' JG.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju***

***jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-3 ta' Dicembru, 1994 (Vide Dok A fol 2) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel wiehed;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Patrizia Mallia, datat 20 ta' Lulju, 2011 (vide Dok. B fol 3 et seqq.) u li ghalhekk ilhom legalment sseparati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxilhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**In vista tad-dikjarazzjoni maghmula minnu fl-affidavit tieghu, il-Qorti tordna li l-ispejjez kollha ghandhom jithallsu minn JG.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**